MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 83

**8 ta' Awwissu 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

**83.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

83.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

83.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva żewġ ittri ta' apoloġiji minn żewġ kunsilliera li nqabdu xogħol, is-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur John Borg. L-apoloġiji ġew aċċettati b'mod unanimu.

**83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

83.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 81 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

81.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 81 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

83.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 82 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

83.2.4 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja, il-minuti tal-laqgħa numru 82 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**83.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

83.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna tliet skrivani li għadhom fuq skala 16. Hi pproponiet illi dawn jiġu skala 15 ħalli ma jibqax ikollna anomaliji u kulħadd ikun minn 15 'il fuq. Dawn huma skrivani li l-Kunsill kuntent b'xogħlhom. Ħadd ma sab oġġezzjoni għal din il-korrezzjoni.

83.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi billi s-Segretarju Eżekuttiv juża' ħafna l-karozza privata tiegħu, għal laqgħat relatati mal-Kunsill, qegħda tissuġerixxi illi jingħata sa massimu ta' 70 euro fix-xahar *allowance* għall-*petrol*. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

83.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi billi fil-11 ta' Novembru, se nipparteċipaw fl-attivita' BATTLE IS OVER f'għeluq il-mitt sena minn mindu spiċċat l-ewwel gwerra dinjija, se jkun hawn l-organizzatur is-Sur Bruno Peek u xtaq jiltaqa' magħna. Kien hemm qbil illi nagħmlu riċeviment żgħir fejn fih ikunu mistiedna l-kunsilliera, u l-parteċipanti, ħalli niltaqgħu mas-Sur Peek. Dan se jsir il-Ġimgħa 17 ta' Awwissu fis-7pm. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li għal din l-attivita' għandna nistiednu l-President u s-Segretarju tal-*British Legion*. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

83.3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-mInisteru tax-Xogħlijiet reġgħu kitbu b'mod formali fuq il-pendenzi li hemm tax-xogħol li kien sar fl-2004 fuq l-akkwadott u qed jitolbu li mhux biss inħallsuhom tax-xogħol, imma wkoll l-interessi akkumulati u l-ispejjeż legali ta' meta kienu għamlulna l-mandat. Kien hemm diskussjoni u xewqa li din l-affari ntawwluha, pero' s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma kienx hemm x'isir u aħjar naċċettaw il-ftehim issa milli jibqgħu tilgħin l-interessi. Se naslu fi ftehim illi nagħtuhom 1,100euro kull meta tidħol l-allokazzjoni għal għaxar snin imma niffrankaw ħafna problem legali. Hija qalet ukoll illi l-Perm Sec. kien uriha l-ftehim iffirmat mis-Sindku ta' dak iż-żmien is-Sinjura Doris Borg. Ippruvat tevitahom imma ma rnexxiliex. Finalment ma kienx hemm oġġezzjonijiet illi jsir dan il-ftehim.

83.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ċirkolari *SPI 9/2018 - Skema Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali*, u l-Kunsill qabel illi bħas-soltu noħorġu somma għal titjib fil-librerija.

83.3.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-kotba li se joħroġ il-Kunsill, se nippruvaw invarawhom f'serata speċjali l-Ġimgħa 7 ta' Diċembru fil-palazz tal-president.

**83.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

83.4.1 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit staqsiet jekk is-sid tal-kjosk ta' l-istazzjon aċċettax it-termini tal-Kunsill u jekk il-kuntratt ġiex iffirmat, fejn is-Sindku wieġbet fl-affermattiv.

83.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li hemm żvilupp fi Triq Wignacourt u ma għamilx bankina temporanja. Is-Sindku qaltlu li se tkun qegħda ssir għax diġa' kellimnih u skont il-PA kull min se jiżviluppa se jkollu jagħmel bankina temporanja.

**83.5 Varjanza fit-tender Kiri ta' Vetturi**

83.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jkollu jagħmel varjanza annwali ta' 456euro jew madwar 4% fuq it-tender tal-vetturi peress li l-ħaddiema tal-*community work scheme* qed jitolbu li jkollhom żewġ vetturi bit-*tailgate* mhux wieħed. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

**83.6 Ċentru ta' l-innovazzjoni - Stazzjon**

83.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi tela' quddiem il-bord tas-CRPD imma dawn għadhom qed joġġezzjonaw li jagħtu permess minħabba li fil-binja jridu lift bil-fors. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi bħalissa qegħdin fil-proċess ta' *change of architect*, bejn il-periti William Lewis u Toni Bezzina, u għandna xi spejjeż doppji peress li l-perit qed jitlob xi *surveys* ġodda. Pero' ma jistgħux jiġu evitati.

**83.7 Ftehim ma' MCAST**

83.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Kunsill, kif jafu l-membri, qed jaħdem mal-kulleġġ MCAST biex dawn jaħdmu fuq restawr ta' statwi u niċeċ. Peress illi qed jiġu avviċinati u pressati minn Kunsill oħra li semgħu b'dak li qed nagħmlu aħna, aħna offrejna lill-MCAST li nixtrulhom *scaffolding* jiswa madwar 1500 euro u nagħtuhom post garaxx fl-istazzjon fejn ikunu jistgħu iwettqu l-ħidma tagħhom. Apparti minn hekk, l-ewwel statwi restorati, dik ta' Santa Elena u San Vinċenz Ferrer, se jiġu lura u se nagħmlu attivita' l-Ġimgħa 7 ta' Settembru fit-8pm biex jitilgħu f'posthom. Kullħadd approva l-arranġamenti li qed isiru ma' l-MCAST.

**83.8 Kwotazzjonijiet relatati mat-tiżjin tal-Milied fuq barra u Jum Birkirkara**

83.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi reġa' wasal iż-żmien biex noħorġu kwotazzjonijiet relatati mat-tiżjin tal-Milied fuq barra u tinda għal Jum Birkirkara. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

**83.9 Tender Manutenzjoni ta' *Soft Areas***

83.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sena d-dieħla se jiskadi t-tender ta' manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* u għalhekk se jibda jippreparah. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

**83.10 Proposti ġemelaġġi**

83.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar żewg idejat ta' ġemellaġġi li qed naħdmu fuqhom, ma' Castel Maggiore fl-Italja u El Verger fi Spanja. Hu qal li jrid *go ahead* uffiċċjali tal-Kunsill biex ikompli jaħdem fuqhom. Il-Kunsill qabel nem. con.

**83.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 62, u *Petty Cash***

83.6.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

83.6.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 62 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-kunsiliera s-Sur Anthony Buttigieg u l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**83.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

83.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.35pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 4 ta' Settembru fis-6pm.

Konfermati, illum 4 ta' Settembru 2018.

IFFIRMATI

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv